# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġislatura

Laqgħa Numru 11/2020

20 ta' Novembru, 2020

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fl-4:00 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Mark Cocker | Kunsillier |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

11.1 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

11.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

11.2.1 Is-Sindku qal illi ref punt 10.2.2 (Triq San Gwann) ix-xogħol kien sar pero' ma kienx għadu ċert jekk baqax iżomm l-ilma.

11.2.2 Is-Sindku qal illi ref punt 10.2.6 (ismijiet ta' toroq ġodda) t-tabelli kienu twaħħlu. Is-Sindku spjega fejn kienu twaħħlu t-tabelli tat-toroq il-ġodda.

11.2.3 Is-Sindku qal illi ref punt 10.3.4 (mogħdija quddiem l-ATM) il-Kunsill kien avviċina sid il-mogħdija li kien qed jaċċetta li l-isqaq isir bil-konkos.

11.2.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 10.3.3 (Triq San Pawl) minn fejn il-Każin sal-parti li tmiss ma Triq Santa Marija għandha tinbidel sa ħdejn is-Salib tad-Dejma.

11.2.5 Is-Sindku qal illi ref punt 10.3.8 (inizjattiva Halloween fil-librerija) din kienet suċċess u l-librara qalet illi kellha tripplu tan-nies dakinhar.

11.2.6 Is-Sindku qal illi rigward ref punt 10.3.9 (isem għaċ-Ċentru tad-Dimentia) wara l-aħħar laqgħa kien ikkunsulta mal-Kappillan ukoll li ma sab l-ebda oġġezzjoni u għalhekk wara kien għaddha s-suġġeriment lis-segretarjat parlamentari tal-anzjanita' attiva li minn naħa tagħhom ukoll ma sabux oġġezzjoni. Is-Sindku qal illi ċ-ċentru tad-Dimentia għandu jkun jismu Centru tad-Dimentia Dun Karm Lia.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk il-Kunsill kienx għarraf lill-familjari rigward din il-proposta, u peress li ma kienx għadu sar l-ebda komunikazzjoni l-Kunsill qabel illi għandna nagħmlu dan.

11.2.7 Is-Sindku qal illi fuq is-suggerimenti li nqalgħu fl-aħħar laqgħa minħabba Triq il-Kuċċard kien ser jiġborhom kollha f'daqqa u jiġu diskussa aktar tard fil-laqgħa. Is-Sindku qal illi kienet ix-xewqa tiegħu illi jiġbor is-suġġeriment kollha sabiex ssir talba waħda għas-suġġeriment kollha lill-Infrastructure Malta.

11.2.8 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla rigward ref punt 10.4.14 (linji minn t'Amparell sa Ġnien Sir Alexander Ball). Hawn saret diskussjoni fuq il-problema fejn tidjieq it-triq u qablu illi għandna nikkunsultaw mal-kuntrattur.

11.2.9 Is-Sur Mark Cocker staqsa jekk l-enforcement minn naħa tal-Lesa kinux qed jagħmlu spot checks minħabba l-problema li l-karozzi jinżlu *wrong side* minn naħa ta' Triq iż-Żurrieq. Is-Sindku spjega li r-Regional Officer kien inbidel u li l-Kunsill kien għamel laqgħa mar-

Regional Officer il-ġdid fejn ġew diskussi ħafna problemi fosthom il-one way ta' Triq iż-Żurrieq.

11.2.10 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi flimkien mas-Sindku kienu ltaqgħu mal-ispettur fejn tkellmu fuq xi problemi fosthom iż-żieda tas-serq fil-lokal.

11.2.11 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi ref punt 10.10.1 is-sejħa għal Handyman/Ġardinar kienet ħarġet.

11.2.12 Il-Kunsilier is-Sur Mark Cocker qal illi ref punt 10.7 (Cirkulari Numru SPI/SCFI/6/2020) il-Kunsill seta' japplika ukoll għal Slow Streets. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi għal Slow Streets il-Kunsill kien applika ma' ħafna Kunsilli oħra taħt l-iskema ta' Cirkulari Numru SPI/SCI/3/2020.

11.2.13 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi l-kuntrattur tal-Embellishment fi Ġnien Sir Alexander Ball kien waqaf. Hawn saret diskussjoni fejn is-Sindku ta xi dettalji tax-xogħolijiet.

11.2.14 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward ref punt 10.9 (Skema ta' Għajnuna għal Tiżjin tal-Milied fil-Lokalita' 2020).

11.2.15 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk il-Kunsill kienx għamel xi ħaġa rigward ref punt 10.12.3 (ilment fi Triq San Tumas). Is-Sindku qal illi sid id-dar kienet issuġġeriet illi ssir bankina, l-Kunsill kien kiteb lil ERA li oġġezzjonaw li ssir bankina fir-rural. Il-Kunsill iddiskuta din il-problema pero' ma kienx hemm soluzzjoni għal din il-problema.

## 11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

11.3.1 Is-Sindku qal illi l-mentoring service kull nhar ta' Ħamis kien beda u li diġa' kienu ħarġu l-poster bis-servizzi li kienu qed joffru. Is-Sindku għadda l-poster lill-Kunsilliera u spjega l-problemi soċjali li ser ikunu qed jindirizzaw.

11.3.2 Is-Sindku qal illi fl-aħħar laqgħa kien qajjem il-punt rigward ir-restawr tan-niċeċ. Huwa qal illi kien tkellem ma perit renomat fuq ir-restawr li ġie fuq il-post sabiex eventwalment jagħtina stima tax-xogħolijiet li jirrekjedu n-niċeċ. Hawn il-Kunsill iddiskuta l-ammont tan-niċeċ u fejn jinsabu fil-lokal.

11.3.3 Is-Sindku qal illi kien bagħat id-dokument ta' Slow Streets lill-Kunsilliera. Huwa qal illi minħabba fin-natura sabiex jiġi diskuss dan id-dokument idealment issir laqgħa spesifika

u li ssir kemm jista’ jsir malajr. Il-Kunsill qabel illi għandha ssir laqgħa rigward Slow Streets nhar il-Ġimgħa 27 ta’ Novembru, 2020 fl-4:00pm.

11.3.4 Is-Sindku qal illi rigward it-tizjin tal-Milied il-Kunsll kien talab għal kwotazzjoni. Hawn spjega fejn ser isir l-armar tal-Milied fil-pjazza għall-ispiża ta’ €2104. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

Is-Sindku qal illi l-ħsieb kien illi rigward il-kompetizzjonijiet noħorġu żewġ kategoriji, waħda l-isbaħ faċċata u oħra l-isbaħ presepju. Huwa qal illi għandna nagħmlu l-posters sabiex jitqassmu fil-ħwienet.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker kien skużat mil-laqgħa 18.22

11.3.5 Is-Sindku qal illi bħala restawr tal-ħajt tal-Ġnien Sir Alexander Ball kien fadal biss il-parti ta’ wara fejn hemm il-ġiebja li sabiex issir kellna stima ta’ €2.400 + VAT filwaqt illi l-parti mill-gate ‘il ġewwa l-istima hija ta’ €3,420 + Vat. Saret diskussjoni fuq ix-xogħolijiet ta’ restwar tal-Ġnien. Il-Kunsill approva unanimament din il-varjazzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker reġa’ daħal għal laqgħa 18.25

Is-Sindku qal illi diġa’ ilu jikkomunika mal-Ministeru tat-Turiżmu sabiex jgħinuna fil-finanzjament ta’ dawn il-varjazzjonijiet u issa kellna l-konferma li ser ikollna għajnuna finanzjarja.

11.3.6 Is-Sindku qal illi minn naħa tal-Partit Laburista bħala kommemorattiva tal-għeluq ta’ 100 sena qed iħawlu siġra f’kull lokalita’. Is-Sindku qal illi jekk jaqbel il-Kunsill għandu jidentifika żewġ lokalitajiet fejn tista’ titħawwel din is-siġra. Il-Kunsill iddiskuta din l-inizjattiva u approva li titħawwel siġra. Is-Sindku qal li kellu jiċċekkja x’tip ta’ siġra kienet ser titħawwel.

11.3.7 Is-Sindku qal illi l-librara qed tissuġerixxi illi għal żmien il-Milied, tarma Christmas Tree imbagħad it-tfal li jattendu l-librerija jingħataw kartolina li għandhom ipinġu sabiex wara teħel mal-Christmas Tree fil-Librerija. Il-Kunsill qabel.

11.3.8 Is-Sindku qal illi sal-15 ta’ Diċembru, 2020 il-Kunsill għandu jsejjaħ laqgħa pubblika. Huwa qal illi l-ideal isir dak inhar tal-Laqgħa tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

11.3.9 Is-Sindku qal illi billi ma tantx saru attivitajiet u l-Kunsill jinsab bi skrivan wieħed, jissugerixxi li għal din id-darba il-fuljett ma jsirx. Il-Kunsill qabel.

Il-Viċi Sindku qal li tal-anqas il-Kunsll għandha tintbagħat kartolina bieb bieb u nispjegaw li din is-sena l-fuljett ma kienx ser isir. Il-Kunsll qabel.

11.3.10 Is-Sindku qal illi minħabba l-pandemija sfortunatament l-attivitajiet kollha li nagħmlu għal żmien il-Milied ser ikollna nħassruhom. Il-Kunsill qabel li għandna nikkancellaw kollox.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet sabiex jekk ma ssirx il-purċissjoni tal-Milied forsi jista' jsir xi ħaġa relatata mal-Milied li tkun rappreżentata b'persuna minn kull entita b'mod sikur minħabba l-pandemija. Il-Kunsill qabel illi għandna nagħmlu dejjem skont id-direttiva tas-saħħa.

11.4 **Tweġibiet għall-Mistoqsijia tal-Kunsilliera**

11.4.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi l-isfel minn Triq San Ġorg kien hemm garaxx illi ż-żebgħa ċċarat għalhekk għandha tiġi rifreskata.

11.4.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi kienu tħawlu s-sardinell.

11.4.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi issa l-proġett tas-Systems of Knowledge tal-istudenti tal-Junior College li xtaqu jagħmluh mal-Kunsilli Lokali ġie komplut.

11.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa rigward jekk konniex ħadna xi idea meta ser terġa' tingħata l-injection tal-influwenza. Is-Sindku qal illi din is-sena l-injection ingħatat mid-dipartiment tas-saħħa u meta ser jerġgħu ituha ma kellniex informazzjoni.

11.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa kif inhi l-procedura meta jkollha tinxtara xi ħaġa l-librara bħal xkaffar. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi din kienet ordnata hi skont l-iskema tas-sena l-oħra.

11.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk kienx hemm il-possibbilita' illi fil-latrina jkun hemm mera u sapun. Il-Kunsill iddiskuta l-problemi li jinqalgħu minħabba s-sapun u qabel illi għandna nipruvaw nixtru bħal foam minflok sapun.

11.4.7 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi l-grawnd tal-futbol kien qiegħed jinfetaħ u jingħalaq nhar ta' Sibt u Ħadd hekk kif kien miftiehem.

11.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi familja fi Triq Bieb il-Garra kellha siġra li kienet qed toffriha lill-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta fejn tista' titħawwel din is-siġra u qabel illi għal issa għandna titħawwel fi Ġnien Dun Karm Vella.

11.4.9 Is-Sindku qal illi x-xewqa tiegħu kienet illi għalissa nħallu s-suġġerimenti li kellna għal Triq il-Kuċċard sabiex meta nressqu t-talba tagħna quddiem Infrastructure Malta ikun kollox kopert. Huwa qal illi sa issa l-Kunsill kien qed jissuġġerixxi illi jkun hemm sleeping police qabel il-gabbana. Huwa staqsa jekk kienx hemm il-ħsieb li nissuġġerixxu aktar sleeping police. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li nagħmlu konsultazzjoni mar-residenti.

Il-Kunsillier s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi sleeping police waħda u sinjali għal speed limit u give way ikunu biżżejjed. Saret diskussjoni sa issa kien hemm suġġeriment sabiex isiru sleeping police fis-service road ta' Triq il-Kuċċard u staqsa jekk kien hemm suġġerimenti għal aktar sleeping police. Il-Kunsill iddiskuta din l-issue u qabel illi l-ewwel għandna nikkonsultaw mar-residenti li hemm sabiex naraw x'inhi x-xewqa tagħhom u għalhekk għal issa nħallu t-talba għal sleeping police pending u naraw jekk jibqax il-periklu b'sign ta' Speed limit u slow signs mal-art.

Il-Viċi Sindku kien skużat mil-laqgħa 19:35.

11.5 **Rapporti**

Approvazzjoni tat-Tielet Kwart tal-Financial Report 2020 (Jannar – Settembru 2020)

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet t-tielet kwart tal-Financial Statements Q3 (Jannar – Settembru, 2020. Dan ġie approvat sabiex jiġi uploadjat.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla giet skuzata 19:47.

11.6 **Performance Haddiema CWSEF**

Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien jinhtieg illi jevalwa l-performance tal-haddiema CWSEF.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla rritornat għal laqgħa fit-19:49

Is-Sindku qal li minħabba il-fatt illi l-Kunsill iħoss li l-ħaddiema jistgħu jagħtu iktar minn dak li kienu qiegħdin jagħmlu ssuġerixxa illi l-Kunsill għandu jagħtihom performance bonus bir-rata applikabbli għal bejn 71% u 80%. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla ssekondah. Il-Kunsill qabel unanimament.

**Intervisti**

Is-Sindku qal illi nhar il-Ħamis 19 ta' Novembru, 2020 kienu saru l-interviews sabiex isir l-ingaġġ għal skrivan/a fil-Kunsill. Huwa spjega li l-bord kien evalwa erba' kandidati u l-

opinjoni tal-bord kienet illi ħadd minn dawn l-erba' persuni ma kien addattat għal din is-sejħa. Is-Sindku qal illi l-opinjoni tal-bord kienet illi l-Kunsill joħroġ is-sejħa għall-pubbliku. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.7 **Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tal-incoming mail lill-Kunsilliera u saret diskussjoni fuq diversi e-mails li rċieva l-Kunsill.

11.8 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

11.8 **Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fil-7:55pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ġimgħa 11 ta' Dicembru, 2020 fl-4:00pm.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv